MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 380/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Francis Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2008, ghall-habta tas-7.27 a.m. ta' filghodu go Victoria Store, Triq il-Kbira, Qormi, zamm fil-fond Victoria Store, Triq il-Kbira, ikel (halib) li x'aktarx isostni t-tkabbir ta' mikro-organizmi patogenici jew il-formazzjoni ta' tossini f'temperatura ta' izjed minn 8°C.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 t'Ottubru, 2009, li biha, ma sabitx lill-appellat hati skond l-akkuza w lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi peress li skond il-Food Safety Act 2002 persuna responsabbli hija kull persuna li topera jew li tigi mqabbda topera negozju u mhux necessarjament kif qalet l-Ewwel Qorti li trid tigi prodotta il-Food Safety Commission jew xi identity card ta’ food handler. Illi fl-interess tas-sahha pubblika d-definizzjoni ta’ persuna responsabbli hi ampja hafna u ma tirrikjedix tali rekwiziti indikati mill-Qorti. Illi mill-provi jirrizulta ampjament li l-akkuzat kien qed jiehu hsieb il-hanut ghax ipprova jiggustifika n-nuqqas billi qal li kellu l-airconditioner.

Ikkunsidrat :

Illi rrizulta mill-provi illi fis-26 ta’ Lulju, 2008 fis-7.27 a.m. Health Inspector Stefania Muscat accediet fil-fond Victoria Store fi triq il-Kbira, Hal-Qormi li dak il-hin kien qed jigi operat mill-appellat Francis Debono.

Il-fond kien munit b’sistema ta’ arja kondizzjonata li dak il-hin kien mixghul u t-temperatura fil-fond kienet ta’ 23°.

Ippruvat it-temperatura fuq pakketti tal-halib u sabet illi dawn kienu qed jaqraw 12.6° meta suppost il-halib m’ghandux jinzamm f’temperatura ta’ aktar minn tmin gradi.

L-appellant qallha li l-halib kien ghadu kif gie konsenjat lilu xi ghoxrin minuta qabel.

Muscat setghet tikkonferma illi ftit tal-hin qabel u cioe’ fis-6.30 rat id-“delivery man” ghaddejj minn xi triq mhux il-

boghod fejn hemm il-fond in kwistjoni, pero ma setghetx tkun taf ezatt f'hix hin gie kkonsenjat il-halib.

L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat peress illi skond Hi m'ghan gabitx il-prova li setghet torbot lill-imputat man-negozju jew almenu prodotta kopja tal-"identity card" tal-"food handler".

Fuq dan,  l-Avukat Generali hass li kellu jappella w fil-fatt interpona dan l-appell.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti jidhrilha li l-Avukat Generali ghandu ragun ghal dak li jirrigwarda l-persuna responsabbli li jkun qed jopera l-hanut dak il-hin.

Fil-Fatt il-kliem testwali tal-ligi huwa *".............kwalunkwe persuna li tkun qed tiehu hsieb il-hanut ......"* [Avviz Legali 146/08] u ghalhekk sa hawn il-Qorti jidrilha li l-appellat bhala l-persuna responsabbli dak il-hin mill-hanut kellu jkun imharrek biex iwiegeb ghall-akkuzi tal-ksur tar-regolamenti.

Ghal dak illi huwa l-meritu pero', l-Qorti taqbel ma' l-argumenti illi gabet id-difiza, fis-sens illi r-reat seta' ma giex ikkunsmat.  Huwa veru illi l-ewwel "reading" tat-temperatura tal-halib kien ta' 12.6° meta suppost kellu jkun 8°, izda l-Avviz Legali fuq imsemmi dahhal kriterju gdid fejn ta certa latitudni lill-operatur, fis-sens illi r-reat ma jkunx gie kkunsmat sakemm il-halib ikun mizmum ghal ftit hin f'termperatura ghola ta' 8° u jkun ghadu bnien, igifieri tajjeb ghal konsum.  (Art. 5(1)(d) AL 146/08)

Il-Qorti lesta illi taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-appellat li l-halib gie konsenjat ghandu ghoxrin minuta qabel l-inspection, fejn allura jista' jaghti l-kaz illi l-appellat kien ghadu fil-parametri tal-ligi.  Dan hu bizzejjed sabiex jissodisfa l-grad ta' prova li jrid jilhaq l-appellat (grad ta' probabilita') peress l-art. 5(1) tal-AL 146/08 jpoggi l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat li l-ikel li jinzamm f'temperatura ta' 8°c jew ftit aktar ghal perjodu limitat ma jkunx sar hazin.

Hu probabbli li fil-hin limitat li l-halib kien barra l-fridge ma kienx ser imur hazin u hadd ma kien ikun pregudikat.

Il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet korretta, pero' ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------